C/2025/4008

22.7.2025

Notifika dwar l-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri anti-dumping

(C/2025/4008)

1. Kif prevista fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea [1], il-Kummissjoni tavża li, sakemm ma jitnediex rieżami f'konformità mal-proċedura li ġejja, il-miżuri anti-dumping imsemmijin hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

2. Proċedura

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami ta' skadenza. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li l-iskadenza tal-miżuri aktarx twassal għat-tkomplija jew għar-rikorrenza ta' dumping u ta' dannu. F'każ li l-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż tal-esportazzjoni u l-produtturi tal-Unjoni mbagħad jingħataw l-opportunità biex jelaboraw dwar il-kwistjonijiet imsemmijin fit-talba għal rieżami, jirribattuhom jew jikkummentaw dwarhom.

3. Limitu ta' żmien

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jippreżentaw talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak imsemmi hawn fuq, li trid tasal għand: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit G-1), CHAR 4/39, 1049 Bruxelles/Brussel, BELGIQUE/BELGIË [2] fi kwalunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-notifika, iżda mhux aktar tard minn 3 xhur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Din in-notifika hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' skadenza [1]
Pajpijiet u tubi wweldjati, tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat	Il-Belarussja Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina Ir-Russja	Dazju anti-dumping	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/635 tas-16 ta' April 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi wweldjati tal-ħadid jew tal-azzar bil-karbonju li joriġinaw mill-Belarussja, mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mir-Russja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 132, 19.4.2021, p. 145)	20.4.2026

[1] Il-miżura tiskadi f'nofsillejl (00:00) tal-jum imsemmi f'din il-kolonna

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/2020-08-11.
[2] TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu.